**Qorti tal-Appell Kriminali**

**Onor. Imhallef Dr. Edwina Grima LL.D.**

**Appell Numru: 135/2014**

Il-Pulizija

(Spettur Joseph Agius)

vs

**Generoso Sammut**

iben Carmel, imwieled Pieta', fl-24 ta' Frar, 1954, detentur tal-karta ta' l-identita' numru 203454(M)

Illum, 31 ta' Lulju 2020

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant Generoso Sammut quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) akkuzat talli nhar it-Tnejn 22 ta' April 2007, ghall-habta ta' 18:45, f'numru 5 Misrah Mikiel Anton Vassalli, Zejtun,

(1) volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, billi ghamel hsara fuq zewg mobiles tal-ghamla Nokia li jiswew madwar Lm240 ghad-dannu ta' Jonathan Attard u Ritienne Caruana miz-Zejtun, liema hsara tiskorri l-Lm100, bi ksur ta' l-Artikolu 325(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

(2) Talli fl-istess jum, lok u cirkostanzi, ikkommetta serq ta' choker tad-deheb li l-valur taghha jeccedi l-Lm100, bi ksur ta' l-Artikolu 261(c) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet;

(3) Talli fl-istess jum, lok u cirkostanzi, ikkaguna feriti ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' Jonathan Attard hekk kif iccertifika Dr. Ian Gauci MD ta' Paola Health Centre, bi ksur ta' l-Artikolu 221(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tas-26 ta' Marzu, 2014 fejn il-Qorti wara li rat l-Artikoli 261, 279, u 325 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta sabet lill-imputat hati. Il-Qorti sabet htija wara li rat l-Artikolu 221 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Wara li rat l-Artikolu 17 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta; flimkien mal-Artikoli 221, 261, u 279(a) – ilkoll tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, ikkundannat lil Generoso Sammut ghal piena karcerarja ta' sena(1).

Rat ir-rikors tal-appellant Generoso Sammut minnu pprezentat fit-2 ta' April, 2014 fejn talab lil Qorti tirriforma u timmodifika s-sentenza appellata billi tirrevokaha, tannullaha u thassarha in kwantu sabitu hati ta' serq ta' gizirana aggravat bil-valur taht il-Lm100, u dan semplicement ghax baqghet ma nstabitx il-gizirana mill-Pulizija wara tfittxija ghaliha fil-garaxx ta' Jonathan Attard; u, wara li tqis dak li ghandu xi jghid Charlo` Attard (hu l-allegat derubat), tillibera lill-esponent minn din l-imputazzjoni dwar serq aggravat, kemm rigward is-serq kif ukoll rigward l-aggravant tal-"valur", u joghgobha tikkonferma s-sentenza appellata in kwantu lliberatu mill-ewwel imputazzjoni dwar hsara volontarja u lliberatu mill-aggravant eccedenti l-Lm100, u kwindi tikkonfermaha wkoll in kwantu sabitu hati ta' ferita ta' natura hafifa, u konsegwentement – stante li fuq tali rizultanzi normalment ma tinghatax piena ta' habs – joghgobha tbiddel il-piena karcerarja ta' sena f'piena li ma tkunx leziva tal-liberta` personali.

Rat l-aggravji tal-appellant.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant ezebita mill-prosekuzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat il-verbal tas-seduta tas-26 ta' Gunju 2020 fejn l-appellant issolleva aggravju gdid ta' indoli procedurali u dan ghaliex jishaq illi l-proceduri quddiem l-Ewwel Qorti kienu monki stante li ma gietx segwieta l-procedura mahsuba fl-artikolu 370(4) tal-Kodici Kriminali billi meta sar l-ezami bla gurament tal-appellant, huwa ma giex mistoqsi jekk kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bil-procedura sommarja, u pprezentat l-kunsens tal-Avukat Generali, l-Ewwel Qorti xortawahda ghaddiet biex tikkonverti ruhha f'qorti tal-gudikatura kriminali meta r-reati addebitati lill-appellant kienu jezorbitaw il-kompetenza originali taghHa.

Rat illi l-appell gie differiet ghas-seduta ta' llum ghas-sentenza limitatament fuq dan l-aggravju hekk sollevat.

Ikkunsidrat,

Illi huwa indubitat illi fi zmien meta l-appellant gie mixli quddiem il-Qorti bir-reati lilu addebitati ta' serq aggravat bl-aggravanti tal-valur, kif ukoll dak tal-offiza ta' natura hafifa, dawn l-akkuzi kienu jezorbitaw il-kompetenza originali tal-Qorti tal-Magistrati kemm taht il-ligi vigenti fiz-zmien ix-xilja tal-appellant, kif ukoll kif inhi l-ligi llum wara l-emendi introdotti permezz tal-Att VIII tal-2015. Dan huwa fatt mhux ikkontestat. Tant hu hekk illi l-Prosekuzzjoni ressqet il-kunsens bil-miktub tal-Avukat Generali sabiex il-kaz jigi trattat u deciz bil-procedura sommarja u dan fit-termini ta' dak dispost fl-artikolu 370(4) tal-Kodici Kriminali. Gara izda li wara li inqrat l-akkuza u sar l-interrogatorju tal-imputat bla gurament fit-termini tal-artikolu 379(4) u 392 tal-Kodici Kriminali, ma tnizzlitx twegiba fl-ezami ghal mistoqsija dwar jekk

huwa kellux oggezzjoni sabiex il-kaz tieghu jigi trattat u deciz bil-procedura sommarja, x'aktarx ghaliex dak in-nhar ma kienx assistit minn avukat[1].

> **"Bħala konsegwenza kellha tiġi segwita l-proċedura maħsuba fis-Sub-titolu II, tat-Titolu II, tat-Taqsima I, tat-Tieni Ktieb tal-Kodiċi Kriminali u ċioe' dik li tirrigwarda l-kumpilazzjonijiet quddiem il-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti Istruttorja. Dan ifisser li l-imputat kellu jiġi eżaminat skont l-artikoli 392 u 395 tal-Kodiċi Kriminali iżda ma jirriżultax li ġie hekk eżaminat. Għalkemm fil-proċess jirriżulta esibit il-kunsens tal-Avukat Ġenerali sabiex il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja skont l-artikolu 370(4) tal-Kodiċi Kriminali dan ma kienx jiswa għaliex lill-imputat ma ġiex domandat kif tassattivament previst fl-artikolu 370(4)(a)(b) tal-Kodiċi Kriminali jekk l-imputat isibx oġġezzjoni li l-każ tiegħu jiġi trattat bi proċedura sommarja. Di fatti ma jirriżultax li l-imputat qatt ta l-kunsens tiegħu sabiex il-każ tiegħu jiġi trattat bi proċedura sommarja u l-proċeduri ssoktaw quddiem l-ewwel Qorti bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali li in kwantu tali ma kellhix kompetenza fuq ir-reati miġjuba quddiemha.**
>
> **F'din is-sitwazzjoni din il-Qorti ma tistax tħassar is-sentenza appellata u tgħaddi hi stess sabiex tiddeċiedi l-kawża fil-mertu kif previst fl-artikolu 428(3) tal-Kodiċi Kriminali għaliex l-artikolu 428(1) tal-istess Kodiċi tassativament jipprovdi li meta l-Qorti Superjuri ssib li l-fatt miġjub fl-akkuża jġib reat suġġett għal piena li taqbeż il-kompetenza tal-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, bħal ma hu l-każ odjern, għandha tħassar is-sentenza, u tibgħat l-atti lill-Qorti tal-Maġistrati biex tipproċedi skont il-liġi[2]."**

Illi l-Qorti ma ghandha ghalfejn izzid xejn aktar ma' dan it-taghlim gurisprudenzjali li jidher illi gie dejjem segwiet mill-qrati taghna f'diversi decizonijiet li inghataw matul is-snin meta gie riskontrat dan in-nuqqas[3]. U ghalkemm l-persuna akkuzata ma tkunx issollevat dan in-nuqqas quddiem l-

---

[1] Ara verbal seduta 16 ta' Mejju 2008 u ezami tal-imputat a fols. 11 u 12 tal-atti processwali.

[2] Il-Pulizija vs Joseph Borg App.Inf. 21/07/2017

[3] Ara fost ohrajn Il-Pulizija vs Paul Cassar App.Inf 10/05/2013, il-Pulizija vs Maurzio Massimiliano – App.Inf. 11/02/2004

Ewwel Qorti u anke issokkombiet ghal proceduri quddiemHa fejn sahansitra jkunu tressqu anke provi in difeza, il-qrati taghna madanakollu dejjem kienu kawti milli jinterpretaw talli akkwixxenza  bhala kunsens tacitu billi l-ligi tistipula illi dan il-kunsens ghandu jinghata sahanistra qabel ma l-Prosekuzzjoni tressaq il-kunsens tal-Avukat Generali u huwa **biss** meta jkun hemm dan il-kunsens miz-zewg nahat illi tigi radikata l-kompetenza tal-Qorti tal-Magistrati bhala wahda tal-gudikatura kriminali, u dan meta ir-reati ma jkunux jaqghu fil-kompetenza originali taghHa.

> **Illi benche' forsi wiehed jista' itendi jahseb illi bil-fatt li l-imputati komplew jippartecipaw fil-proceduri quddiem l-ewwel Qorti, u anke wiehed minnhom xehed u anke dehru f'xi hinijiet wiehed jew iehor mill-avukati taghhom dan seta' jammonta ghal konferma tacita li ma kellhomx oggezzjoni li l-kaz jitkompla jigi trattat u deciz mill-ewwel Qorti bhala Qorti ta' Kriminali Gudikatura, din il-Qorti thoss illi f'materja daqstant fondamentali u li hija l-bazi fuq liema il-gurisdizzjoni bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali setghet tigi radikata u ezercitata, m'ghandhiex u ma tistax tippermetti eccezzjonjiet bazati fuq konsiderazzjonijiet li l-ligi evitathom. Il-ligi ma thallix spazju ghal dikjarazzjoni tacita. Il-ligi trid li l-Qorti tponi d-domanda espressament lill-imputati li ghandhom fakulta' li jaghmlu xelta jew ohra. Ma jidhirx mill-process li dan sar, u f'dawn ic-cirkostanzi din il-Qorti ma thossx li tkun qeghda timxi skond il-ligi jekk tikkondona dak li sar u taghti valur legali lill-inadempjenza ta' l-ewwel Qorti u s-silenzju ta' l-imputati jew l-attivita' taghhom, meta dan mhux prospettat mil-ligi li anzi tipprospetta diversament[4].**

Tqies ghalhekk illi l-Ewwel Qorti ma kellhiex il-kompetenza titratta u tiddeciedi il-kaz tal-appellant tali li dan in-nuqqas iwassal ghan-nullita konsegwenzjali tal-proceduri kollha.

Illi permezz ta' nota ipprezentata fit-08 ta' Lulju 2020, l-appellant ta il-kunsens tieghu sabiex il-Qorti tidderoga minn dak mahsub fl-artikolu 428(1) tal-Kodici Kriminali billi tisma' l-kaz hi stess u tghaddi ghad-decizjoni fuq il-mertu. Illi madanakollu l-Qorti tinsab fl-impossibilita' li taghmel dan billi lanqas hi stess

[4] App.Inf. Il-Pulizija vs Raymond Cucciardi et – deciza 30/10/2001

ma hi kompetenti biex tisma' l-kaz stante n-nullita' tal-proceduri kollha quddiem l-Ewwel Qorti, li jridu jinbdew *ex novo* wara il-qari tal-akkuzi bil-gurament mill-Ufficjal Prosekutur.

Ghal dawn il-motivi, l-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' l-aggravju sollevat mill-appellant fis-seduta tas-26 ta' Gunju 2020 dwar in-nullita' tal-proceduri quddiem l-Ewwel Qorti u l-konsegwenzjali nullita' tas-sentenza appellata minhabba f'nuqqas ta' kompetenza, tghaddi ghalhekk biex tannulla s-sentenza appellata kif ukoll il-proċeduri kollha li saru wara li l-Ufficjal Prosekutur ikkonferma l-akkuża bil-ġurament fl-udjenza tas-16 ta' Mejju 2008, u wara li rat l-artikolu 428(1) tal-Kodici Kriminali tibgħat l-atti lura lill-Qorti tal-Maġistrati sabiex dik il-Qorti tisma' l-każ skont il-ligi.

(ft) Imhallef

Vera Kopja

Joyce Agius

Deputat Registratur